



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 7.2.2007
KUMM(2007) 19 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-
PARLAMENT EWROPEW**

**Ir-riżultati tar-reviżjoni ta' l-Istrateġija Komunitarja sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet
tas-CO₂ minn karożżi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief**

{SEG(2007) 60}
{SEG(2007) 61}

1. DAĦLA

L-UE hija minn ta' quddiem fl-isforzi internazzjonali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u għandha twestaq it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet bl-effett ta' serra li dwaru impenjat ruħha li tagħmel skond il-Protokoll ta' Kjoto. F'Jannar 2007¹ il-Kummissjoni pproponiet li "*l-UE ssegwi, fl-ambitu tan-negozjati internazzjonali, l-għan ta' tnaqqis ta' 30% fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-pajjiżi żviluppati sa l-2020 (meta mqabbel mal-livelli ta' l-1990)*" u li "*l-UE għandha issa tiegħu diġà impenn indipendenti sod biex tilħaq talanqas tnaqqis ta' 20% fl-emissjonijiet ta' gassijiet ta' effett ta' serra sa l-2020 (meta mqabbel mal-livelli ta' l-1990)*" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Sabiex ma jkunx hemm xkiel, u għal raġunijiet ta' ġustizzja ekonomika u soċjali, is-setturi kollha jridu jikkontribwixxu għall-isforz tat-tnaqqis.

Il-karozzi jagħmlu parti importanti mill-ħajja ta' kuljum ta' numru kbir ta' Ewropej, u l-industrija tal-karozzi hija sors importanti ta' impjegi u tkabbir ekonomiku f'bosta reġjuni ta' l-UE. Madankollu, l-użu tal-karozzi għandu impatt importanti fuq it-tibdil fil-klima, b'madwar 12% ta' l-emissjonijiet fl-UE tad-dijossidu tal-karbonju (CO₂), il-gass bl-effett ta' serra ewlieni, ġej minn fjuwil użat minn karozzi tal-passiġġieri. Għalkemm kien hemm żvilupp kbir fit-teknoloġija tal-vetturi – partikolarment fl-effiċjenza fil-fjuwil li tfisser inqas emissjonijiet tas- CO₂ – dan ma kienx biżżejjed biex ipatti għall-effett ta' żieda fit-traffiku u fid-daqs tal-karozzi. Filwaqt li l-UE, kollha kemm hi, naqqset l-emissjonijiet ta' gassijiet bl-effett ta' serra (GHG) bi ftit inqas minn 5% matul il-perjodu 1990-2004, l-emissjonijiet tas-CO₂ mit-trasport fuq it-toroq żdied b'26%.

Għalhekk, il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2006, reġa' kkonferma unanimament² li "*f'konformità ma' l-istrateġija ta' l-UE dwar l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi ħfief, il-flotta l-ġdida medja ta' karozzi għandha tikseb emissjonijiet ta' 140 g CO₂/km (2008/09) u 120 g CO₂/km (2012)*". Il-Parlament Ewropew talab għal "*politika ta' miżuri qawwija li jnaqqsu l-emissjonijiet mit-trasport, inkluż limiti obligatorji għal emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi fl-ammont ta' 80-100 g/km għal vetturi ġodda fuq żmien medju li għandhom jintlaħqu permezz ta' skambju ta' emissjonijiet bejn fornituri tal-karozzi*"³.

Fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza ta' l-Enerġija ta' Ottubru 2006⁴, il-Kummissjoni fakkret li, "*billi hija determinata li tindirizza l-effiċjenza fl-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karozzi, jekk meħtieġ, għandha tippromovi fl-2007 leġislazzjoni biex tiżgura li l-mira ta' 120 g CO₂/km tintlaħaq sa l-2012 permezz ta' approċċ komprensiv u koerenti, skond l-għan ta' l-UE li hemm qbil dwaru*" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Fil-pakkett ta' Jannar 2007 dwar l-enerġija u l-klima, il-Kummissjoni enfasizzat li "*fil-Komunikazzjoni li jmiss ser ikunu spjegati aktar miżuri biex isolvu l-emissjonijiet tas-CO₂ mill-karozzi sabiex tintlaħaq il-mira ta' 120 g CO₂/km sa l-2012 permezz ta' approċċ komprensiv u koerenti. Ser tesplora wkoll l-għażliet għal aktar tnaqqis wara l-2012*" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

¹ COM(2007) 2

² Reviżjoni ta' l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli ta' l-UE, Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, 8.6.2006

³ Reżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew "Nirbħu l-ġlieda kontra t-tibdil tal-klima dinjija" (*Winning the Battle Against Global Climate Change*) (2005/2049(INI))

⁴ COM(2006) 545

Iż-żieda ta' l-emissjonijiet minn trasport ta' passiġġieri fuq it-toroq ser jissokta fis-snin li ġejjin, fin-nuqqas ta' azzjoni effettiva. Dan huwa riskju għall-isforzi ta' l-UE biex tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet bl-effett ta' serra skond il-Protokoll ta' Kjoto u 'l hinn minnu, waqt li l-akbar piż ta' dan l-isforz jaqa' fuq setturi oħra sensitivi wkoll għal kompetizzjoni internazzjonali. Bil-kuntrarju, jekk insibu tarf l-emissjonijiet minn karozzi dan għandu jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, inaqqas id-dipendenza tagħna fuq fjuwil importat, waqt li jtejjeb il-kwalità ta' l-arja u b'hekk is-saħħa taċ-ċittadini Ewropej. Il-mod li bih nistgħu niksbu dan huwa permezz ta' titjib fl-effiċjenza tal-fjuwil fil-vetturi flimkien ma' l-użu akbar ta' fjuwils alternattivi, partikolarment l-bijofjuwils.

Mil-lat tal-fjuwil, il-Kummissjoni pproponiet⁵ l-introduzzjoni ta' rekwiżiti obligatorji bi l-għan li jitnaqqas il-kontenut ta' karbonju mill-fjuwils tat-triq permezz ta' emenda fid-direttiva dwar il-kwalità tal-fjuwil⁶. Barra minn hekk, dan l-aħħar għamlet rapport⁷ dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-bijofjuwils u dalwaqt tadotta proposta biex tirrevedi din id-direttiva. F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tipproponi wkoll li sserraf fuq l-użu tal-bijofjuwils li qed jiżdied bħala element wieħed ta' l-approċċ integrat għat-tnaqqis tas-CO₂ mill-karozzi. Mil-lat tal-vetturi, il-Kummissjoni identifika għadd ta' miżuri li jistgħu jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-għan ta' l-UE, partikolarment livelli ta' effiċjenza fil-fjuwil aktar stretti għall-karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief kif ukoll titjib teknoloġiku ieħor. Din il-Komunikazzjoni hija l-bażi ta' skambji ma' Istituzzjonijiet Ewropej oħra u l-partijiet interessati kollha fl-implimentazzjoni ta' l-istadju li jmiss fl-istrateġija Komunitarja biex tnaqqas l-emissjonijiet tas-CO₂ u ttejjeb l-effiċjenza fil-fjuwil minn vetturi ħfief, bi skop li jintlaħaq l-għan UE ta' 120 g CO₂/km⁸ sa l-2012. Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet miġbura minn dawn id-diskussjonijiet, il-Kummissjoni sejra tipproponi, fl-2007 jekk hu possibbli jew sa mhux aktar tard min-nofs l-2008, qafas leġiżlattiv lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew sabiex jintlaħaq dan l-għan.

2. IL-KUNTEST POLITIKU U L-QAGĦDA TAL-PROGRESS

2.1. Il-bżonn li tittieħed azzjoni fis-settur tat-trasport fuq it-toroq

2.1.1. It-trasport fuq it-toroq għandu jikkontribwixxi sabiex nittrattaw it-tibdil fil-klima

Fir-Rebbiegħa ta' l-2005, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill Ewropew affermaw mill-ġdid l-għan ta' l-UE li t-temperaturi tal-wiċċ tad-dinja m'għandhomx jogħlew b'aktar minn 2°C meta mqabbla mal-livelli preindustrijali sabiex tiġi evitata bidla antropoġenika perikoluża u irriversibbli fil-klima. Il-Kunsill Ewropew saħaq li sabiex titrawwem sigurtà fil-provvista enerġetika u l-użu sostenibbli ta' l-enerġija kien hemm bżonn li jitjiebu t-tmexxija min-naħa tad-domanda u l-effiċjenza fl-enerġija, partikolarment fis-settur tat-trasport⁹. Ir-reviżjoni li saret dan l-aħħar tal-*White Paper* dwar it-trasport¹⁰ tenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm

⁵ COM(2007) 18.

⁶ Id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 kif emendata dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU L 350, 28.12.1998).

⁷ COM(2006) 845.

⁸ Ekwivalenti għal 4.5l/100km għal karozzi diżil u 5l/100km għal karozzi petrol.

⁹ Konklużjonijiet tal-Presidenza tal-Kunsill Ewropew tat-22/23 ta' Marzu 2006.

¹⁰ COM(2006) 314 finali.

promozzjoni ta' mobilità sostenibbli li trawwem kompetittività fl-UE waqt li tnaqqas l-impatt ambjentali tat-trasport, li għandu spiża stmata għal 1.1% tal-PGD.

It-trasport fuq it-toroq huwa t-tieni l-akbar settur fl-UE li jiffa' GHG. Jibqa' wieħed mill-ftit setturi b'emissjonijiet dejjem jiżdiedu, u għalhekk ifixkel il-progress li għamlu setturi oħra. Dan jagħmilha iżjed diffiċli għall-UE li tilħaq l-impenni tagħha skond Kjoto u għandu riperkussjonijiet negattivi fuq il-kompetittività ta' xi setturi (eż. industrij li jużaw ħafna enerġija) li huma wkoll sensitivi għal kompetizzjoni internazzjonali minn attività nazzjonali bħat-trasport fuq it-toroq.

Billi wieħed jikkunsidra biss l-emissjonijiet reali fis-setturi differenti mhuwiex biżżejjed. Wieħed irid jevalwa wkoll il-ħtieġa ta' bilanċ ġdid ta' l-isforzi magħmula mis-setturi differenti u l-kapaċità tagħhom li jnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂. Waqt li ma' l-ewwel daqqa t'għajn l-ispiża ta' azzjoni fis-settur tat-trasport fuq it-toroq tista' tidher ogħla minn setturi oħra, diversi studji jikkonkludu li miżuri effikaċi f'dan is-settur għandhom effettività ta' spiża akbar minn xi miżuri f'setturi oħra, jekk wieħed jikkunsidra miżuri li jbiddu l-imġiba tal-konsumaturi¹¹. Barra minn hekk, irridu napplikaw kunċett wiesa' ħafna ta' effettività ta' spiża "globali", li jieħu kont speċjalment tas-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija, tas-sensittività għal kompetizzjoni internazzjonali, ta' kemm il-konsumaturi jlaħħqu ma' l-ispiża u ta' konsegwenzi pożittivi bħal tmexxija teknoloġika li tiġi minn miri ambizzjużi. Billi l-emissjonijiet tas-CO₂ u l-konsum tal-fjuwil huma relatati mil-qrib, u billi t-trasport fuq it-toroq jammonta għal 26.5% tal-konsum ta' l-enerġija totali fl-UE, tnaqqis ta' emissjonijiet minn karozzi tas-CO₂ għandu jkollu impatt pożittiv konsiderevoli fuq is-sigurtà ta' l-enerġija fl-UE.

It-trasport fuq it-toroq mhux inkluż fl-ambitu ta' l-iskema għall-iskambju ta' emissjonijiet tal-gassijiet bl-effett ta' serra (*emissions trading scheme*, ETS) stabbilita mid-Direttiva 2003/87/KE: din l-iskema hija bbażata fuq il-prinċipju ta' emissjonijiet diretti¹², li fil-każ ta' trasport fuq it-toroq jeħtieġ li jkun applikat fuq il-livell ta' sidien individwali u tinvolvi spejjeż amministrattivi kbar. Jista' wkoll jiġi kkunsidrat approċċ indirett alternattiv fuq livell ta' produttori tal-karozzi. Madankollu, l-inklużjoni f'dan iż-żmien ma tippermettix it-twettiq ta' l-għanijiet ta' l-istrateġija (120 g CO₂/km sa l-2012) billi kwanlunkwe adattament għall-qafas ta' l-ETS ta' l-UE barra mill-inklużjoni ta' l-avjazzjoni ma jistax iseħħ mill-2013 'il quddiem, kif indikat mill-Komunikazzjoni reċenti mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-ETS¹³. Dan il-kalendarju se jiggarrantixxi l-konservazzjoni ta' qafas regolatorju stabbli għall-partijiet interessati diġà involuti fis-suq, kif ukoll żmien biżżejjed biex isiru l-adattamenti leġiżlattivi ta' l-iskema. Għalhekk, il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltà li tinkludi s-settur tat-trasport fuq it-toroq għall-allokazzjoni tat-tielet perjodu.

Fid-dawl ta' dan, jeħtieġ li tittieħed azzjoni sabiex it-trasport bit-triq mhux ixeċkel, iżda jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.

2.1.2. *Huwa meħtieġ titjib fil-vetturi ħfief*

Hemm firxa wiesgħa ta' fatturi li jinfluwenzaw l-emissjonijiet tas-CO₂ minn trasport tal-passiġġieri fuq it-toroq, bħalma huma l-provvista ta' karozzi u d-domanda għalihom, il-

¹¹ "L-effettività ta' l-ispiża tat-tnaqqis fis-CO₂ fit-trasport. – Perspettiva u paragon ma' miżuri f'setturi oħra", CE Delft Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport, OECD, April 2006

¹² B'tali mod li daww li jirċievu l-kwota huma daww li fil-fatt qegħdin jitfgħu s-CO₂ relatat

¹³ Ara COM(2006) 676, paragrafu 3.1.

bżonnijiet individwali ta' mobilità, in-nefqa fix-xiri ta' karozza, id-disponibbiltà ta' servizzi ta' trasport pubbliku alternattivi eċċ. Il-Grupp ta' Livell Għoli għall-kompetittività fl-industrija tal-karozzi (CARS21)¹⁴ twaqqaf sabiex jgħin id-djalogu ma' dawk interessati fl-oqsma tal-ħtiġijiet u l-isfidi għall-ġejjieni ta' l-industrija tal-karozzi. F'Diċembru 2005, fir-rapport finali tiegħu, il-grupp approva l-approċċ integrat u saħaq fuq il-ħtieġa li "*naħdmu għal aktar tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi fuq it-toroq għandha tkun parti minn approċċ bħal dan*" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Lil hinn mill-UE, jeżistu sforzi fid-dinja kollha sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet bl-effett ta' serra minn vetturi fuq it-toroq. L-Istati Uniti, il-Kanada, il-Ġappun, il-Korea, iċ-Ċina u l-Awstralja diġà għandhom sistemi regolatorji jew volontarji stabbiliti, xi wħud minnhom huma suġġetti għal revizzjoni bil-għan li jintlaħaq iktar progress fl-effiċjenza tal-fjuwil u l-emissjonijiet tas-CO₂.

2.2. Il-progress li ntlaħaq sallum

Sa issa, l-istrategġija Komunitarja kienet ibbażata fuq tliet pilastri, kif proposta mill-Kummissjoni fl-1995¹⁵ u appoġġata sussegwentement mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew¹⁶. Din l-istruttura ppermettiet l-integrazzjoni komprensiva ta' miżuri mmirati kemm lejn il-provvista (impenji volontarji) u d-domanda (ittikkettjar u tassazzjoni), u għet adottata wara analiżi wiesgħa ta' diveri alternattivi biex jitnaqqas is-CO₂ minn karozzi.

2.2.1. L-ewwel pilastru: l-impenji volontarji ta' l-industrija tal-karozzi

L-impenji volontarji li ħadu assoċjazzjonijiet tal-fornituri tal-karozzi Ewropej, Ġappuniżi u Koreani għandhom x'jaqsmu ma' mira ta' 140 g CO₂/km sa l-2008 jew l-2009. Fid-dawl tat-ħassib li dejjem qed jiżdied dwar il-progress li sar mill-industrija fl-ambitu ta' dan l-approċċ volontarju, il-Kummissjoni tenniet bil-qawwa li hija lesta li tikkunsidra l-miżuri kollha, inkluż dawk leġiżlattivi, sabiex tiżgura li jintlaħaq it-tnaqqis meħtieġ fis-CO₂.

2.2.2. It-tieni pilastru: t-tagħrif għall-konsumatur

Id-Direttiva dwar l-ittikkettjar¹⁷ tesiġi li titwahnhal tikketta li turi l-konsum tal-fjuwil u l-emissjonijiet tas-CO₂ fuq kull karozza ġdida, jiġu ppubblikati gwidi nazzjonali fuq l-effiċjenza tal-fjuwil ta' karozzi ġodda, li jitwahnflu kartelluni għand il-bejjiġgħa u li jkun hemm tagħrif dwar l-effiċjenza fil-fjuwil fil-letteratura promozzjonali stampata. Id-Direttiva titqies bħala għodda utli fil-ħolqien ta' kuxjenza iżda ma jidhirx li għamlet impatt¹⁸, mit-tikketti ta' kwalità li tvarja ħafna fi Stati Membri differenti.

¹⁴ "A Competitive Automotive Regulatory System for the 21st Century", CARS21 rapport finali 2006 <http://ec.europa.eu/enterprise/automotive/pagesbackground/competitiveness/cars21finalreport.pdf>

¹⁵ COM (95)689 finali, Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25.06.1996, Ritoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22.09.1997.

¹⁶ Għar-rapport annwali dwar l-effettività ta' l-istrategġija, ara: http://ec.europa.eu/environment/co2/co2_monitoring.htm

¹⁷ Id-Direttiva 1999/94/KE relatata mad-disponibbiltà ta' tagħrif għall-konsumatur dwar l-ekonomija tal-fjuwil u emissjonijiet tas-CO₂ rigward il-marketing ta' karozzi tal-passiġġieri ġodda, ĠU L 12, 18.01.2000.


¹⁸ "Rapport dwar l-effettività tad-Direttiva 1999/94/KE dwar l-ittikkettjar ta' l-effiċjenza tal-fjuwil tal-karozzi, u l-alternattivi għal titjib", ADAC għall-Kummissjoni Ewropea, Marzu 2005.

2.2.3. It-tielet pilastru: il-promozzjoni ta' karożżi b'effiċjenza fil-fjuwil permezz ta' miżuri fiskali

It-tassazzjoni, it-tielet pilastru ta' l-istrateġija, tista' tagħti kontribut sinifikanti sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-konformità ma' miri ta' effiċjenza, iżda sa issa l-livell ta' implimentazzjoni kien diżappuntanti. Fuq il-livell ta' l-UE, il-proposta ta' Lulju 2005 mill-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill¹⁹ immirata inter alia li tinkludi element tas-CO₂ fit-taxxi fuq il-karożżi għadha ma ġietx adottata mill-Kunsill. Fuq il-livell nazzjonali, diversi Stati Membri adottaw miżuri fiskali sabiex jipromwovu x-xiri ta' karożżi li jitfgħu inqas CO₂, iżda għadu ma jidherx effett sinifikanti ta' dawn il-miżuri fuq l-emissjonijiet medji tas-CO₂ ta' l-UE minn karożżi ġodda

2.2.4. Nitgħallmu mill-istrateġija attwali

Figura 1 – Medja ta' emissjonijiet tas-CO₂ minn flotta ġdida ta' karożżi għall-UE 15 bejn l-1995 u l-2004



Fuq bażi ta' l-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni ta' l-istrateġija attwali, nistgħu nsemmu għadd ta' kwistjonijiet²⁰:

- L-emissjonijiet minn karożza medja ġdida mibjugħa laħqu 163 g CO₂/km fl-2004, 12.4% inqas mill-punt tal-bidu fl-1995 ta' 186 g CO₂/km²¹. Matul l-istess perjodu, **karożżi ġodda mibjugħa fl-UE saru wisq akbar u aktar qawwija**, filwaqt li l-prezzijiet żdiedu inqas mill-inflazzjoni.
- Investigazzjonijiet ta' l-impatt fuq il-miżuri limitati adottati s'issa minn Stati Membri rigward id-domanda wrew li l-impatt ta' l-ittikkettjar u l-miżuri fiskali kien żgħir

¹⁹ COM(2005)261 finali

²⁰ Data preliminari għall-2005 tindika progress limitat għall-ġejjieni.

²¹ UE-15

ħafna, filwaqt li l-parti l-kbira mit-tnaqqis kien riżultat ta' titjib fit-teknoloġija tal-karozzi.

- Il-progress miksub sa issa jersaq xi ffit lejn il-mira ta' 140 g CO₂/km sa l-2008/2009, iżda fin-nuqqas ta' miżuri addizzjonali, l-għan ta' UE ta' 120 g CO₂/km mhux ser jintlaħaq sa l-2012. Billi l-ftehim volontarju ma kienx ta' suċċess, il-Kummissjoni tqis bħala meħtieġ li tirrikorri għal approċċ leġiżlattiv u tenfasizza li barra mil-leġiżlazzjoni proposta, għandha wkoll tittieħed azzjoni urġenti mill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jinżamm kontroll fuq it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet, anke għall-2008/2009, pereżempju permezz ta' inċentivi fiskali u akkwist pubbliku ekoloġiku.

3. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM:

Minħabba l-bosta fatturi li jaffettwaw l-emissjonijiet mit-trasport fuq it-toroq, hemm bżonn ta' pakkett ta' miżuri.

3.1. Li jintlaħaq l-għan ta' UE ta' 120 g CO₂/km

Filwaqt li din il-Komunikazzjoni tiffoka fuq tnaqqis tas-CO₂ permezz ta' approċċ integrat (titjib fl-ekonomija fil-fjuwil ta' vetturi ħfief (karozzi tal-passiġġieri u vettura kummerċjali ħfief, titjib teknoloġiku ieħor u użu tal-bijofjuwils,) ma tippreġudika l-ebda miżura addizzjonali li tista' tipproponi l-Kummissjoni sabiex tindirizza l-impatt tat-trasport fuq it-toroq fuq it-tibdil fil-klima. Il-politika ta' l-UE dwar it-trasport li ġiet riveduta riċentament tinkludi inizzjattivi biex jippromwovi bidla lejn tipi ta' trasport iżjed sostenibbli fejn xieraq, speċjalment f'żoni urbani, u jwaqqfu metodoloġija fl-UE għal tariffi għall-infrastruttura li jinkludu esternalitajiet sa l-2008. Dan jikkumplimenta r-reviżjoni riċenti tad-Direttiva "Eurovignette"²². Kif previst riċentament fl-Istrateġija Tematika dwar l-ambjent urban²³, il-Kummissjoni ser tagħti gwida fuq pjanijiet għal trasport sostenibbli. Fir-rigward ta' taxxi fuq il-fjuwil, il-leġiżlazzjoni ta' l-UE diġà tistipula livelli minimi ta' taxxi tas-sisa fuq il-fjuwil.

Il-Kummissjoni investigat għadd ta' miżuri li l-għan aħħari tagħhom hu li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet bl-effett ta' serra minn vetturi ħfief. Wara konsultazzjoni wiesgħa bejn dawk interessati u fuq bażi ta' valutazzjoni ta' l-impatt, strateġija li tindirizza kemm il-provvista kif ukoll id-domanda hija spjegata hawn taħt, bil-għan li tintlaħaq il-mira Komunitarja ta' 120 g CO₂/km.

F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Effiċjenza ta' l-Enerġija, l-approċċ tal-Kummissjoni għandu jwassal benefiċċji ambjentali sħaħ filwaqt li l-istess ħin joħloq opportunitajiet ekonomiċi billi jhegġegħ l-innovazzjoni fil-maġġoranza tal-karozzi ekoloġiċi (*environmentally friendly*) u jrawwem industrija tal-karozzi kompetittiva li toħloq impjiegi sostenibbli fil-Komunità. Għalhekk tipprovdi l-kundizzjonijiet għal titjib kontinwu 'l hinn mill-mira Komunitarja sabiex jintlaħqu il-bżonnijiet ta' l-UE fuq medda ta' żmien itwal biex ikompli jitnaqqas is-CO₂ fis-settur tat-trasport.

²² Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 1999/62/KE tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi, kif emendata l-aħħar bl-2006/38/KE, (ĠU L 187, 20.7.1999).

²³ COM(2005) 446 finali.

Il-Kummissjoni tenfasizza li l-effiċjenza fil-fjuwil tista' tintlaħaq b'diversi modi: Jekk it-tendenza attwali lejn karożżi akbar u aktar qawwija tissokta, diġà teżisti teknoloġija li tilħaq ma' l-isfidi ta' l-effiċjenza fil-fjuwil tal-ġejjieni, iżda l-fornituri, u warajhom il-konsumaturi, jridu jgħorru l-piż ta' spejjeż ta' produzzjoni addizzjonali. Alternattivament, miżuri (fiskali) konkreti jitgħu jiġu adottati sabiex jidderieġu d-domanda tal-konsumaturi lejn karożżi effiċjenti fil-fjuwil: dan għandu jrawwem suq iżjed sostenibbli tal-karożżi fejn il-fornituri jistgħu jikkompetu fuq bażi ta' rendiment ambjentali u jnaqqas b'mod sinifikanti l-ispejjeż ta' konformità mingħajr ma johlq riskju fuq it-titjib fil-kumdità u s-sikurezza li gawdew il-konsumaturi matul l-aħħar għaxar snin. L-Istati Membru għandhom responsabbiltà ewlenija, notevolment fil-politika ta' tassazzjoni tagħhom, sabiex iġibu fis-seħħ b'mod reali din l-għażla alternattiva u iżjed sostenibbli llum qabel għada: aktar ma tittieħed azzjoni malajr, aktar ikunu jistgħu jintlaħqu l-miri tat-tnaqqis tas-CO₂. Jistgħu jitfasslu wkoll skemi ta' tassazzjoni newtrali fuq id-dħul li b'mod ġenerali ma jikkaġunawx piż addizzjonali fuq il-konsumaturi, iżda pjuttost jippremjaw xerrejja ta' karożżi b'emissjonijiet baxxi u jippenalizzaw ix-xiri ta' vetturi anqas effiċjenti.

3.2. Miżuri mmirati lejn il-provvista

Il-Kummissjoni se ssegwi l-approċċ integrat tagħha bil-għan li tilħaq il-mira ta' l-UE ta' 120 g CO₂/km sa l-2012. Dan jista' jintlaħaq billi l-azzjonijiet ta' l-UE jingħaqdu ma' dawk ta' l-Istati Membri. Il-Kummissjoni sejra tipproponi, fl-2007 jekk hu possibbli jew sa mhux aktar tard min-nofs l-2008, **qafas leġiżlattiv** biex tilħaq il-mira ta' l-UE ta' 120 g CO₂/km, billi tiffoka fuq tnaqqis obbligatorju ta' l-emissjonijiet tas-CO₂ biex tilħaq il-mira ta' 130 g CO₂/km għall-flotta l-ġdida ta' karożżi medji permezz ta' titjib fit-teknoloġija vetturi motorizzati u aktar tnaqqis ta' 10 g CO₂/km, jew ekwivalenti jekk teknikament neċessarju, permezz ta' titjib teknoloġiku ieħor u aktar użu ta' bijofjuwils, speċifikament:

- a) tistabilixxi rekwiżiti minimi ta' effiċjenza fil-fjuwil għal sistemi ta' arja kkondizzjonata;
- b) li jkun obbligatorju li jitwaħħlu sistemi ta' monitoraġġ eżatt ta' pressjoni tat-tajers
- c) li tistipula limiti massimi ta' reżistenza ta' l-irrumblar tat-tajers għal tajers fl-UE li jintużaw f'karożżi ta' passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief;
- d) l-użu ta' *gear shift indicators*, meta tikkunsidra kemm jintużaw mezzi bħal dawn minn konsumaturi f'kundizzjonijiet reali tas-sewqan;
- e) progress fl-effiċjenza fil-fjuwil ta' vetturi kummerċjali ħfief (vannijiet) b'miri obbligatorji ta' 175 g CO₂/km sa l-2012 u 160 g CO₂/km sa l-2015;
- f) aktar użu ta' bijofjuwils li jimmassimalizzaw ir-rendiment ambjentali.

Il-punti msemmija hawn fuq se jkunu jistgħu jitkejlu, ikunu monitorjati, responsabbli u ma jingħaddux darbtejn mat-tnaqqis tas-CO₂.

Il-Kummissjoni taqbel li l-qafas leġiżlattiv li jimplementa l-mira tal-**flotta l-ġdida ta' karożżi** fil-medja se jkun maħsub biex jiggarantixxi miri sostenibbli għal tnaqqis kompetittivament newtrali u soċjalment ekwu li jkunu ekwi għad-diversità tal-produtturi ta' karożżi Ewropej u biex ikun evitat kwalunkwe xkiel mhux iġġustifikat tal-kompetizzjoni bejn il-produtturi tal-karożżi.

Il-qafas leġislativ se jkun **kompatibbli mal-mira ġenerali biex jintlaħqu l-miri ta' Kjoto ta' l-UE** u bbażat fuq **valutazzjoni ta' l-impatt li ssir bir-reqqa**. Din il-valutazzjoni ta' l-impatt se tindirizza l-benefiċċji u l-ispejjeż ta' l-alternattivi differenti meta mqabbla mal-qagħda attwali ta' l-emissjonijiet medji tas-CO₂, billi tqies l-aktar teknoloġija disponibbli reċenti għal titjib mil-lat ambjentali fit-teknoloġija tal-karozzi.

3.3. Miżuri mmirati lejn id-domanda/l-imġiba

Lil hinn mill-qafas leġislativ, l-istrateġija tal-Kummissjoni biex tkompli tnaqqas l-emissjonijiet tas-CO₂ għandha thegħeġ **sforzi addizzjonali** b'mezzi oħra ta' trasport bit-triq (vetturi kummerċjali tqal, eċċ.) **mill-Istati Membri** (tassazzjoni fuq is-CO₂ u inċentivi fiskali oħrajn, l-użu ta' l-akkwist pubbliku, il-ġestjoni tat-traffiku, l-infrastuttura, eċċ.) u **mill-konsumaturi** (għażla konxja tax-xerrej, imġiba responsabbli fis-sewqan).

3.3.1. Tassazzjoni²⁴

It-taxxa fuq il-karozzi hija għodda qawwija biex tinfluwenza d-deċiżjonijiet tal-konsumaturi dwar ix-xiri. It-taxxi jistgħu jiġu ddifferenzjati sabiex jappoġġaw l-introduzzjoni fis-suq ta' karozzi b'effiċjenza fil-fjuwil u b'emissjonijiet tas-CO₂ baxxi. Dan jista' jiffaċilita ħafna l-isforzi ta' fornituri ta' karozzi sabiex jilhqnu l-obbligazzjonijiet tagħhom billi jpoġġu vettura bħal dawn fis-suq. Il-Kummissjoni għamlet proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar taxxa fuq il-karozzi tal-passiġġieri²⁵ li bħalissa tinstab quddiem il-Kunsill u l-Parlament. **Il-Kummissjoni terġa' tinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jadottaw din il-proposta kemm jista' jkun malajr u jadattaw il-politiki tagħhom dwar it-tassazzjoni tal-karozzi sabiex jippromwovu x-xiri ta' karozzi b'effiċjenza fil-fjuwil madwar l-UE u sabiex jgħinu lill-fornituri jirrispettaw il-qafas li ser jidħol fis-seħħ dwar effiċjenza fil-fjuwil**, b'hekk ikunu qed jagħtu sehemhom biex jintnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn karozzi. Taxxi ddifferenzjati fuq il-firxa sħiħa ta' karozzi fis-suq, b'tali mod li tiddaħħal bil-mod bidla lejn karozzi relattivament b'inqas emissjonijiet, għandhom ikunu mezz effiċjenti biex jitnaqqsu spejjeż ta' konformità għall-fornituri.

Inċentivi fiskali²⁶ għandhom ikunu wkoll metodu qawwi sabiex jinkoraġġixxu li jiddaħħlu fis-suq il-kategoriji ta' vetturi ħfief, l-aktar indaf. Inċentivi bħal dawn għandhom jirreferu għal definizzjoni komuni ta' l-UE applikata madwar il-Komunità li tiegħu kont ta' rekwiżiti kemm tat-tniġġis ta' l-arja u l-emissjonijiet ta' gassijiet. Għal dan il-għan, **Vettura Ħafifa Mtejba Ambjentalment (Light-duty Environmentally Enhanced Vehicle, LEEV) għandha tiġi definita** bħala vettura li tilħaq kemm il-valuri ta' limitu ta' emissjonijiet tat-tniġġis għall-istadju li jmiss kif stipulati fil-leġiżlazzjoni rilevanti, u kif ukoll tibqa' taħt ċertu livell ta' emissjonijiet tas-CO₂. Attwalment, dan il-livell għandu jkun l-għan Komunitarju ta' 120 g CO₂/km. Id-definizzjoni ta' *LEEV* għandha tiġi riveduta regolarment sabiex tibqa' ffokata fuq in-naħa l-aktar avvanzata tal-flotta ta' karozzi ġodda.

²⁴ Kull miżura fiskali selettiva li tista' tfixx il-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istat Membri tkun innotifikata lill-Kummissjoni minn qabel għal approvazzjoni ta' għajnuma mill-Istat.

²⁵ COM(2005) 261 finali

²⁶ Dan it-tip ta' approċċ ġie stabbilit sewwa biex jinkoraġġixxi l-introduzzjoni bikrija fis-suq ta' karozzi li jilhqnu standards tal-ġejjieni rigward l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja – ara, pereżempju, d-Direttiva 98/69/KE, u l-proposta għal standard Euro 5 ġdid - (COM(2005) 683 finali).

3.3.2. Tagħrif għall-konsumatur

Fl-2007 il-Kummissjoni għandha tadotta proposta għal emenda għal titjib fl-effettività tad-Direttiva 1999/94/KE dwar l-ittikkettjar ta' l-effiċjenza fil-fjuwil. Din il-proposta għandha *inter alia* jkollha l-għan li l-ambitu ta' l-iskema ta' l-ittikkettjar tiftu għall-vetturi kummerċjali ħfief (N1), tarmonizza d-disinn tat-tikketta u tintroduċi klassifikazzjoni ta' effiċjenza fl-enerġija sabiex ittejjeb il-kuxjenza fost il-konsumaturi fil-waqt tax-xiri ta' karozza. Trid tingħata wkoll attenzjoni lid-definizzjoni ta' *LEEV* (ara 3.3.1) u lill-possibbiltà li fuq it-tikketta jitniżżlu l-ispejjeż annwali ta' kuljum u fejn xieraq livelli ta' taxxa fuq vetturi bħala funzjoni tas-CO₂ u konsum ta' fjuwil.

Flimkien ma' tagħrif għal konsumatur, il-mod li bih il-karozzi jitqiegħdu fis-suq jista' wkoll jeħtieġlu jiġi adattat, sabiex jiffoka anqas fuq il-prestazzjoni dinamika tal-vetturi. Sabiex il-fornituri jkunu fuq l-istess livell, teħtieġ azzjoni koordinata fi ħdan l-industrija. Fornituri ta' karozzi huma mistiedna jiffirmaw qabel nofs l-2007 **ftehim volontarju dwar kodiċi ta' Prattika rigward il-marketing u r-riklamar** bil-għan li jippromwovu xejriet ta' konsum sostenibbli.

3.3.3. Sewqan ekoloġiku (Ecodriving)

Xi Stati Membri diġà qed jippromwovu s-sewqan ekoloġiku permezz ta' taħriġ u kampanji edukattivi. Il-Kummissjoni tappoġġa t-tixrid ta' sewqan ekoloġiku permezz ta' diversi proġetti²⁷ u tista' tikkunsidra d-dħul ta' rekwiżiti għal sewqan ekoloġiku frevizjonijiet tad-Direttiva dwar liċenzja tas-sewqan fil-gejjieni²⁸. Madankollu, s-sewqan ekoloġiku huwa miżura *downstream* suġġetta għal inċertezzi kbar rigward il-potenzjal veru ta' tnaqqis fis-CO₂. Madankollu l-Istati Membri huma mistiedna jkompli jippromwovu sewqan ekoloġiku bħala mezz biex iqajmu kuxjenza dwar l-impatti ta' l-użu tal-karozzi fuq it-tibdil fil-klima.

3.4 Viżjoni fit-tul

Fl-aħħarnett, bil-għan li tkun analizzata l-**possibbiltà li jkunu ffixati għanijiet akar ambizzjużi** lil hinn mill-mira Komunitarja attwali ta' 120 g CO₂/km fi stadju suċċessiv, ir-riċerka u l-iżvilupp se jkomplu jkunu promossi lejn l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati għat-tnaqqis tas-CO₂. Il-Kunsill Konsultattiv għar-Riċerka Ewropea fit-Trasport fuq it-Toroq (ERTRAC) kien stabbilit sabiex jinvolvi lil dawn kollha li għandhom interess, jiżviluppa viżjoni mifruxa, u jiżgura applikazzjoni f'waqtha, ikkoordinata u effiċjenti ta' riżorsi ta' riċerka sabiex jilħqu l-isfidi kontinwi tat-trasport fuq it-toroq u tal-kompettitività Ewropea. **Il-Kummissjoni sejra tappoġġa sforzi għal riċerka sabiex tintlaħaq il-mira ta' l-ERTRAC għar-riċerka²⁹ ta' "Titjib fl-effiċjenza ta' vetturi [li] jirrendi tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO₂ ta' mhux inqas minn 40% għal karozzi ta' passiġġieri għall-flotta l-ġdida ta' karozzi fl-2020"**. Dan għandu jikkorrispondi ma' medja ta' flotta ġdida ta' karozzi ta' 95 g CO₂/km.

²⁷ Ara eż. Ecodriven at http://ec.europa.eu/energy/intelligent/projects/steer_en.htm

²⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 dwar il-liċenzji tas-sewqan, (ĠU L 237, 24.8.1991), kif emendata.

²⁹ Ara *ERTRAC Strategic Research Aġenda*, Diċembru 2004, disponibbli minn: <http://www.ertrac.org/publications.htm>

4. KONKLUŻJONI

L-UE trid tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq żejt importat u t-tniġġis. Għandha rwol ewlieni biex tiġġieled kontra l-bidla fil-klima. Biex tilħaq l-impenn li ħadet sa l-2012 u iktar 'l hemm, trid tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet bl-effett ta' serra mis-setturi kollha.

B'emissjonijiet dejjem jiżdiedu minkejja avvanzi teknoloġiċi, is-settur tat-trasport tal-passiġġieri fit-toroq ħaqqu attenzjoni partikolari: hemm hteġġa għal miżuri fuq in-naħa tal-provvista, sabiex jittejjeb regolarment ir-rendiment ta' sistemi tat-trasport, partikolarment il-vetturi, u fuq in-naħa tad-domanda, sabiex tinkoraġġixxi l-bidla għal vetturi li dejjem jaħlu anqas.

Għalkemm hemm bżonn ta' sforzi usa' sabiex il-mobiltà sostenibbli ssir realtà, l-istrateġija mġedda proposta telenka numru ta' azzjonijiet speċifiċi biex jitnaqqsu emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi ħfief. Il-Kummissjoni tikkunsidra li trid tkun segwita b'implimentazzjoni fuq kull livell, sabiex toħloq u taċċellera tendenza lejn karozzi ġodda li jagħtu emissjonijiet medji anqas. In-nuqqas ta' azzjoni malajr ixxejjen malajr l-isforzi fil-passat, u tirriskja jew tgħolli l-prezz ta' l-ilħiq fil-qarib tal-mira Komunitarja ta' 120 g CO₂/km u ta' iżjed progress 'l hinn minn dan il-għan.

Għalhekk, jekk ikun possibbli fl-2007 u sa mhux aktar tard minn nofs l-2008, il-Kummissjoni ser tipproponi qafas leġislattiv għall-UE biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi ħfief bil-għan li tilħaq l-mira ta' l-UE ta' 120 g CO₂/km sa l-2012. Dan se jkun akkumpanjat minn valutazzjoni ta' l-impatt li ssir bir-reqqa li tirrifletti aktar sa liema punt l-Istati Membri jistgħu jiffaċilitaw il-konformità ta' fornituri tal-karozzi ma' miri obbligatorji permezz ta' l-adozzjoni ta' miżuri biex jindirizzaw id-domanda, speċjalment fil-qasam tat-tassazzjoni.

Fl-2010, il-Kummissjoni sejra tirrevedi l-istatus ta' l-implimentazzjoni u l-potenzjal għal aktar miżuri biex tmur iktar 'l hemm mill-mira stipulata ta' l-UE.